DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/546

tal-31 ta' Marzu 2015

li tawtorizza l-estensjoni tal-użu taż-żejt rikk fid-DHA u l-EPA mill-mikroalga *Schizochytrium* sp. bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2015) 2083)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-6 ta' Lulju 2012, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit awtorizzaw, skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97, it-tqegħid fis-suq taż-żejt rikk fl-aċidu dokosaeżaenojku (DHA) u l-aċidu ejkosapentenojku (EPA) mill-mikroalga *Schizochytrium* sp. bħala ingredjent tal-ikel il-ġdid biex jintuża f'ċertu ikel.

(2) Fid-19 ta' Novembru 2012, il-kumpanija DSM Nutritional Products talbet lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit estensjoni tal-użu taż-żejt rikk fid-DHA u l-EPA mill-mikroalga *Schizochytrium* sp. bħala ingredjent tal-ikel il-ġdid.

(3) Fid-29 ta' April 2013, l-entità kompetenti tal-valutazzjoni tal-ikel tar-Renju Unit ħarġet l-ewwel rapport tal-valutazzjoni tagħha. Dak ir-rapport jikkonkludi li l-estensjoni tal-użu ta' dan iż-żejt tal-alga tissodisfa l-kriterji tal-ikel il-ġdid stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(4) Fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' valutazzjoni preliminari lill-Istati Membri l-oħra.

(5) Matul il-perjodu ta' 60 jum stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tqajmu xi oġġezzjonijiet motivati.

(6) Fil-25 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u talbitha tagħmel valutazzjoni oħra tal-estensjoni tal-użu taż-żejt rikk fid-DHA u l-EPA mill-mikroalga *Schizochytrium* sp. bħala ingredjent tal-ikel il-ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97.

(7) Fit-18 ta' Settembru 2014, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar l-estensjoni tal-użu taż-żejt rikk fid-DHA u l-EPA mill-mikroalga *Schizochytrium* sp. bħala ingredjent tal-ikel il-ġdid ([2]), u kkonkludiet li huwa sikur skont l-użi u l-livelli ta' użu proposti.

(8) Din l-opinjoni tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li ż-żejt rikk fid-DHA u l-EPA mill-mikroalga *Schizochytrium* sp. għall-użijiet u l-livelli ta' użu proposti jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(9) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tistabbilixxi rekwiżiti dwar is-supplimenti tal-ikel. L-użu taż-żejt rikk fid-DHA mill-mikroalga *Schizochytrium* sp. għandu jkun awtorizzat mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' dik il-leġiżlazzjoni.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.
([2]) *EFSA Journal* 2014; 12(10):3843.
([3]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iż-żejt rikk fid-DHA u l-EPA mis-*Schizochytrium* sp. kif jispeċifika l-Anness I jista' jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent tal-ikel il-ġdid skont l-użu definiti u fil-livelli massimi stabbiliti fl-Anness II mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/46/KE.

Artikolu 2

Id-deżinjazzjoni taż-żejt rikk fid-DHA u l-EPA mill-mikroalga *Schizochytrium* sp. awtorizzata b'din id-Deċiżjoni dwar it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom dan l-ingredjent, tkun "żejt rikk fid-DHA u l-EPA mill-mikroalga *Schizochytrium* sp.".

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil DSM Nutritional Products, 6480 Dobbin Road, Columbia, MD 21045, l-Istati Uniti.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Speċifikazzjoni taż-żejt rikk fid-DHA (aċidu dokosaeżaneojku) u fl-EPA (aċidu ejkosapentenojku) mill-mikroalga *Schizochytrium* sp.

Test	Speċifikazzjoni
Valur aċiduż	Mhux iktar minn 0,5 mg KOH/g
Valur perossidu (PV)	Mhux iktar minn 5,0 meq/kg żejt
Umdità u l-volatili	Mhux aktar minn 0,05 %
Materjal insaponifikabbli	Mhux aktar minn 4,5 %
Aċidi xaħmi trans	Mhux aktar minn 1,0 %
Kontenut ta' DHA	Mhux anqas minn 22,5 %
Kontenut ta' EPA	Mhux anqas minn 10 %

ANNESS II

Użi awtorizzati taż-żejt rikk fid-DHA (aċidu dokosaeżaneojku) u fl-EPA (aċidu ejkosapentenojku) mill-mikroalga *Schizochytrium* sp.

Kategorija tal-ikel	Livell massimu ta' użu ta' DHA u ta' EPA (mg/jum)
Supplimenti tal-ikel	3 000 mg kif rakkomandat mill-manifattur għall-popolazzjoni adulta, eskluża n-nisa tqal u li jreddgħu